# Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## IL-PULIZIJA (SPETTUR NICHOLAS VELLA) V. CHRISTIAN CALLEJA (KI. 24794M)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**28/02/2023**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

Taħrika ta' Kawża: **PULIŻIJA** Lil: **CHRISTIAN CALLEJA (24794M)** Vettura: **KBL029 MITSUBISHI**
Billi int akkużat talli fid-data, ħin u post hawn imsemmi
Data u Ħin: **Nhar il-15/9/2018 ghal habta ta`23:45hrs**
Post: **TRIQ IL- KBIRA SAN GUZEPP** Lokalita': **HAMRUN**

**(1) Uzajt, gieghelt jew hallejt lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq, kemm il-darba, ghall-uzu tal-vettura minnek jew min dik il-persuna l-ohra, skond il-kaz, ma tkunx issehh polza ta` assigurazzjoni dwar ir-riskji ta` terzi persuni** ( Kap 104 Artiklu 3 (1) )

**(2) Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra, minghajr licenza tas-sewqan** ( Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (3) )

**(3) Ksirt kundizzjoni ta` sentenza moghtija lilek mill-Qorti, liema sentenza hija dik ta`17/4/2018 MILL-MAGT.DR.F.DEPASQUALE LL.D**( Kap 9 Artiklu 28 A )

**(4) Bhala persuna inti sirt recediv b`sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 20/1/2015 U 3/3/2015 U 14/2/2017 mill- MAGT.DR.F.DEPASQUALE LL.D liema sentenza saret definita u ma tistax tigi mibdula.**
( Kap 9 Artiklu 49, 50 )

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta' PC 971 Glenn Scicluna (affidavit), PC 142 Joseph Camilleri (affidavit), Kenneth Pace għal Transport Malta (affidavit) u tad-Deputat Reġistratur.

Semgħet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti proċesswali.

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

Jirriżulta mill-affidavits tal-uffiċjali tal-Pulizija illi fid-data, ħin u lok indikati fil-komparixxi l-imputat kien qiegħed isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni KBL 029 ġewwa Triq il-Kbira, l-Ħamrun. Minn aktar stħarriġ irriżulta lill-Pulizija illi l-liċenzja tas-sewqan tal-imputat kien ġiet revokata u dan anke fuq dak li ammetta stess *a tempo vergine* l-istess imputat. Mill-affidavit ta' Kenneth Pace (Transport Malta) irriżulta *inter alia* ukoll illi fil-15 ta' Settembru 2018 l-imputat ma' kellux liċenzja tas-sewqan.

Fir-rigward tal-assigurazzjoni, għalkemm il-Prosekuzzjoni ma' kellha l-ebda ħtieġha tressaq xi provi, jirriżulta mill-atti[1] illi ġiet esebita polza tal-assigurazzjoni li turi li bejn l-20 ta' Ġunju 2018 u t-30 ta' Novembru 2018 kien hemm kopertura dwar ir-riskji ta' terzi persuni maħruġa minn Bonnici Insurance Agency Limited lill-*policyholder* Stephania Farrugia għall-użu tal-vettura minnha u minn kwalsiasi xufier li jkollu ħamsa u għoxrin (25) sena jew iżjed u li jkun qed isuq fuq l-ordni jew bil-permess tal-*policyholder.*

Il-posizzjoni ta' din il-Qorti kif presjeduta għal numru ta' snin kienet dik illi fir-rigward tal-kopertura tat-terz ma' tagħmilx differenza jekk min kien qiegħed juża l-vettura għandux liċenzja tas-sewqan jew le, għandux inqas minn 25 sena jew le, jew jekk huwiex b'xi mod eskluż mill-kopertura tal-polza jew le, darba jirriżulta illi ikun hemm fis-seħħ polza ta' assigurazzjoni tal-vettura u dan għaliex it-terz ikun dejjem protett u għalhekk f'dak il-każ ir-reat ravviżat taħt l-Art. 3(1) tal-Kap. 104 ma' jissustix[2].

**<u>Din il-posizzjoni tal-Qorti bl-ebda mod ma' kienet tfisser, kuntrarjament għal dak li ġie sottomess possibilment b'mod qarrieqi fi bnadi oħra, illi l-Qorti riedet tibgħat messaġġ lill-pubbliku in ġenerali li kwalunkwe persuna tista' issuq kwalunkwe vettura basta li dik il-vettura tkun koperta b'polza ta' assigurazzjoni. Apparti li l-Qorti m'għandha l-ebda funzjoni li tibgħat messaġġi lill-pubbliku, dak li għamlet il-Qorti għal numru ta' snin kien biss illi tapplika interpretazzjoni li dehrilha hija loġika fiċ-ċirkustanzi (u li ġiet addottata ukoll mill-Qrati tagħna f'diversi istanzi oħra) u ċertament mhux li tħeġġeġ lil min</u>**

---

[1] Fol 30

[2] Din hija posizzjoni li ġiet abbraċjata ukoll mill-Qrati tagħna f'diversi istanzi fil-passat inkluż per eżempju fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Pulizija vs Emanuel Zarb</u>** (App. Nru. 329:2010:MM, 26 ta' Marzu, 2015)

**<u>m'għandux liċenzja tas-sewqan jew lil min għandu vettura mhux liċenzjata illi jsuq dik il-vettura! Min ikun f'dik is-sitwazzjoni m'għandux isuq kwalsiasi vettura mhux għax dik il-vettura ma' tkunx koperta jew le, iżda proprju għaliex l-individwu ma' jkollux liċenzja tas-sewqan jew ma' jkollux vettura li tkun liċenzjata!</u>**

Bis-sentenza riċenti u studjata tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) u ċioe dik mogħtija fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v. Mohamad Knaan (Appell Numru: 479 / 2022 CSH, 7 ta' Frar 2023)</u>** il-posizzjoni li ttieħdet hija waħda differenti u dan fis-sens illi kwalunkwe sewwieq irid ikun personalment kopert taħt il-polza tal-assigurazzjoni maħruġa għall-użu tal-vettura altrimenti ikun ħati tar-reat ipotizzat taħt l-Art. 3(1) tal-Kap. 104. Din il-Qorti, għalkemm mhijiex marbuta illi ssegwi kwalsiasi linja ta' sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Appell, tqis li jkun għaqli u fl-interess tal-ġustizzja li jkun hemm uniformita' fis-sentenzi u għalhekk hija tara li għandha ssegwi ukoll u tagħmel tagħha l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fuq din il-materja.

Issa f'din il-kawża jirriżulta illi fid-data tal-allegat reat l-imputat la kellu ħamsa u għoxrin (25) sena u lanqas kellu liċenzja tas-sewqan u għalhekk ma' kienx kopert taħt il-polza tal-assigurazzjoni in kwistjoni.

Għalhekk l-ewwel żewġ imputazzjonijiet jirriżultaw li ġew ippruvati.

Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni jirriżulta illi ġiet esebita vera kopja ta' sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversement presjeduta fil-konfront tal-imputat fis-17 ta' April 2018. Permezz ta' din is-sentenza l-Qorti dakinhar kienet sabet lill-imputat ħati ta' diversi imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu fosthom dik illi saq vettura fit-triq mingħajr ma' kien kopert b'polza tal-assigurazzjoni għal riskji ta' terzi sabiex isuq l-istess vettura u għalhekk ikkundannatu għal piena karċerarja ta' sitt (6) xhur sospiżi għal erbgħa (4) snin.

Fis-seduta tas-6 ta' Diċembru 2022 xehdet Yesenia Maria Pace, Deputat Reġistratur għan-nom tar-Reġistratur tal-Qrati Kriminali, fejn fost affarijiet qalet illi mis-sentenza msemmija ma' kien daħal l-ebda appell u għalhekk is-sentenza kienet waħda definittiva.

Skond l-Art 28B(1) u (2) tal-Kodiċi Kriminali:

> '28B. (1) Meta persuna tinstab ħatja ta' reat li għalih hemm piena ta' priġunerija, li jkun sar matul il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża, u jew tkun hekk instabet ħatja minn jew quddiem qorti kompetenti skont l-artikolu 28C li tittratta magħha għar-rigward tas-sentenza sospiża, jew sussegwentement tidher

jew tinġieb quddiem dik il-qorti, f'dak il-każ, ħlief jekk is-sentenza tkun diġà bdiet isseħħ, **<u>dik il-qorti għandha tordna li s-sentenza sospiża għandha tibda isseħħ</u>**.

(2) Jekk ir-reat l-ieħor li jsir matul il-perijodu operattiv ikun wieħed ta' <u>natura involontarja</u> jew jekk, fil-każ ta' xi xorta oħra ta' reat, il-qorti jkun jidhrilha, minħabba fiċ-ċirkostanzi kollha magħdudin il-fatti ta' dak ir-reat ieħor<u>, li ma tkunx ħaġa ġusta li tagħmel ordni bis-saħħa tas-subartikolu (1)</u>, hija tista' tittratta mal-ħati b'xi wieħed minn dawn il-metodi li ġejjin -

(a) tista' tastjeni milli tagħmel ordni bis-saħħa tas-subartikolu (1) u l-perijodu operattiv għandu f'dak il-każ jibqa' fis-seħħ; jew

(b) tista' b'ordni tibdel l-ordni oriġinali magħmul bis-saħħa tal-artikolu 28A(1) billi minflok il-perijodu operattiv hemm speċifikat tagħmel perijodu li jkun jiskadi mhux iktar tard minn erba' snin mid-data tal-bdil:

Iżda jekk il-qorti ma tagħmilx ordni bis-saħħa tas-subartikolu (1) hija għandha tiddikjara ir-raġunijiet tagħha għaliex ma tkunx għamlet dan.'

Il-Qorti jidhrilha illi ġaladarba l-imputat wettaq reati serji in konnessjoni mas-sewqan (inkluż s-sewqan bla polza ta' assigurazzjoni u bla liċenzja tas-sewqan) f'inqas minn ħames xhur minn meta kien ġie misjub ħati ta' reati identiċi (apparti reati oħra) minn din il-Qorti u dan meta l-Qorti kienet wissitu b'mod sever dwar il-konsegwenzi jekk huwa jwettaq reat ieħor fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża, hija m'għandiex turi klemenza anke għaliex ma hemm l-ebda ġustifikazzjoni legali sabiex tagħmel dan. Għalhekk il-Qorti hija tenuta titratta mal-imputat u tordna li s-sentenza sospiża msemmija tidħol fis-seħħ.

Fir-rigward tal-addebitu tar-reċidiva, il-Qorti rat li apparti l-fedina penali tal-imputat, ġew esebiti vera kopja tas-sentenzi mogħtija minn din il-Qorti diversement presjeduta fil-konfront tal-imputat fl-20 ta' Jannar 2015, fit-3 ta' Marzu 2015 u fl-14 ta' Frar 2017. Inoltre fis-seduta tas-6 ta' Diċembru 2022 l-Qorti semgħet lil Yesenia Maria Pace (Deputat Reġistratur għan-nom tar-Reġistratur tal-Qrati Kriminali) tixhed fejn fost affarijiet qalet illi mis-sentenzi msemmija ma' kien daħal l-ebda appell u għalhekk is-sentenzi kienu definittivi. Inoltre x-xhud xehdet ukoll illi l-multa ta' €200 imposta fuq l-imputat fis-sentenza tal-20 ta' Jannar 2015 kienet tħallset fl-20 ta' April 2015 filwaqt li l-multa ta' € 2,400 imposta fuq l-imputat fis-sentenza tat-3 ta' Marzu 2015 tħallset *in toto* fis-17 ta' April 2018. Madanakollu l-multa ta' € 5,000 imposta fuq l-istess

imputat fis-sentenza tal-14 ta' Frar 2017 ma' kienetx għadha tħallset kollha sal-ġurnata li xehdet l-istess xhud meta filfatt kien għad baqa' bilanċ ta' € 2,800. Għalhekk ġaladarba l-multa ma ġietx imħallsa u lanqas ma tressqet prova li ġiet konvertita fi priġunerija li ġiet skontata, il-piena mogħtija fis-sentenza tal-14 ta' Frar 2017 ma tistax titqies skontata u allura l-istess sentenza ma' tistax tittieħed in konsiderazzjoni għall-addebitu tar-reċidiva. Mhux l-istess jista' jingħad fir-rigward tal-ewwel żewġ sentenzi peress illi tressqet prova sufficjenti illi dawn ġew skontati u tressqet prova ukoll illi ma' laħaqx iddekkora l-perjodu ta' ħames (5) snin minn meta ġew skontati l-pieni mogħtija fihom sad-data tar-reati kommessi mill-imputat f'din il-kawża.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-piena**

Il-piena għar-reat ravviżat fl-ewwel imputazzjoni fil-każ tat-tieni kundanna (l-imputat kien ġie misjub ħati li saq mingħajr polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni fis-sentenza tat-3 ta' Marzu 2015) hija  multa ta' mhux anqas minn €2,329.37 iżda ta' mhux iżjed minn €4,658.75 jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur, jew il-multa u l-priġunerija flimkien.

Il-piena għar-reat ravviżat fit-tieni imputazzjoni hija dik tal-multa ta' mhux iżjed minn € 1,200 jew tal-priġunerija ta' mhux iżjed minn sena. Il-Qorti għandha l-fakolta' ukoll illi ai termini tal-Art. 50 tal-Kap. 9 iżżid il-piena applikabbli bi grad fejn allura il-piena tkun dik tal-priġunerija ta' mhux iżjed minn tmintax-il xahar.

B'żieda mal-piena japplikaw ukoll il-pieni addizzjonali tal-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan jew tal-projbizzjoni milli tiġi ottjenuta liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' tnax-il xahar għall-ewwel reat u għal perjodu ta' mhux inqas minn tmient ijiem għat-tieni reat.

Fiċ-ċirkustanzi tal-każ il-Qorti tara li ikun ġustifikabbli illi għall-ewwel imputazzjoni timponi piena ta' elfejn u ħames mitt euro (€ 2,500) u għat-tieni imputazzjoni tapplika piena ta' elf euro (€ 1,000) u għalhekk il-Qorti ma' tapplikax żieda bi grad ai termini tal-Art. 50 tal-Kap. 9.

**Deċiżjoni**

**Għar-raġunijiet msemmija wara li rat l-artikoli relevanti tal-liġi ossia' l-Art. 3(1) tal-Kap. 104, l-Art. 15(1)(a) tal-Kap.  65, l-Art. 28B(1) tal-Kap. 9 u l-Art. 49 u 50 tal-Kap. 9, qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u filwaqt li tordna li l-**

**piena karċerarja ta' sitt (6) xhur mogħtija fis-sentenza sospiża tas-17 ta' April 2018 għandha tidħol fis-seħħ, timmultah il-multa komplessiva ta' tlett elef u ħames mitt euro (€ 3,500). Għal kull bwon fini fir-rigward tas-sejbien tar-reċidiva ai termini tal-Art. 50 tal-Kap. 9 il-Qorti ma' ħadietx in konsiderazzjoni is-sentenza tal-14 ta' Frar 2017. Inoltre b'żieda mal-piena l-Qorti qegħda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Art. 3(2A) tal-Kap. 104 u tal-Art. 15(3) u tiskwalifka lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien sentejn.**

| | |
|---|---|
| **V.G. Axiak** | **Y.M. Pace** |
| **Maġistrat** | **Dep. Reġistratur** |